VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,665, 2 ta' Novembru, 2010
Taqsima B

A.L. 470 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours), ippubblikati bħala Avviż Legali 415 tal-2010, li emenda l-Avviż Legali 299 tal-2005.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3

3. Fl-ordinament 3, fil-verżjoni tal-Malti, minflok il-kliem "tal-Fakultà tax-Xjenza" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa".